**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta` nhar it-Tlieta 19 ta` Ġunju, 2018.**

**Talba Nru: 127/2018PA**

**GO plc**

**vs**

**Colin Mclintock**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fit-3 ta` April 2018 li permezz tiegħu s-soċjeta` attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta` disa' mija u sebgħa u sebgħin Ewro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€977.73ċ) dovuta in konnessjoni ma' servizzi miġbura fil-kont numru 40180072[1], liema servizzi kienu kuntrattati mas-soċjeta` Mobisle Communciations Ltd li ġiet amalgamata mas-soċjeta` attriċi b'effett mid-19 ta` Diċembru 2015, bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali eżekuttiva bin-numru 128/2016 u bl-imgħax legali.

Ra d-dokumenti ppreżentati mis-soċjeta` attriċi mal-Avviż tat-Talba, senjatament (i) prospett tal-ħlasijiet mitluba fuq il-kontijiet mertu ta` din il-kawża (Dok. A, fol. 2); (ii) kopja tal-kuntratt li l-konvenut kellu mas-soċjeta` Mobisle Communciations Ltd (Dok.

B1, fol. 3); (iii) ċertifikat ta` amalgamazzjoni tas-soċjeta` Mobisle Communciations Ltd mas-soċjeta` attriċi (Dok. B2, fol. 4); (iv) kopja tal-ittra uffiċjali eżekuttiva bin-numru 128/2016 (Dok. C, fol. 5); u (iv) estratt mir-Reġistru Elettorali li juri l-indirizz dikjarat tal-konvenut (Dok. D, fol. 6).

Ra li l-konvenut kienet debitament notifikat bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smigħ, pero` baqa' ma ppreżentax Risposta u lanqas deher biex jikkontesta l-kawża.

Ra li fl-udjenza tat-22 ta` Mejju 2018, Mayanne Camilleri għas-soċjeta` attriċi ddikjarat bil-ġurament li l-konvenut għadu debitur tas-soċjeta` attriċi fis-somma mitluba, u għar-raġunijiet indikati, f'din il-kawża.

Jidhirlu li din it-talba tas-soċjeta` attriċi tirriżulta ampjament pruvata, fil-kontumaċja tal-konvenut.

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta` u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba attriċi, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta` disa' mija u sebgħa u sebgħin Ewro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€977.73ċ), bl-imgħax u bl-ispejjeż kif mitluba fl-Avviż tat-Talba.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**ĠUDIKATUR**

[1] B'digriet mgħoti mit-Tribunal nhar it-Tlieta 26 ta' Ġunju 2018, in-numru tal-kont tas-servizzi miġbura u mgħotija mis-socjeta` attrici GO plc lill-konvenut, surreferit fl-ewwel paragrafu tas-Sentenza minflok dak ċitat ta' "40180072" irid jinqara bhala **"40189972"**.